MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Avviz Numru. 138/2006

**Atlas Insurance Limited (C5601) u b'digriet tat-13 ta' Marzu**
**2007 is-socjeta' Atlas Insurance Limited biddlet isimha ghall-**
**Atlas Insurance PLC Limited f'isimha propju u kif surogata**
**fid-drittijiet tal-assigurat taghha Valhmor Borg Imp/Exp**
**Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**Vs**

**Falcotrans Limited (C8284)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti pro et nomine talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma' ghandhiex tkun ikkundannata li thallas is-somma komplessiva ta' elf hames mija u tmenin lira u tmienja w

ghoxrin centezmu (Lm1,580.28c) rapprezentanti danni fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta attrici u spejjez tas-survey relattiv, bhala s-socjeta’ inkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Majestic fit-23 ta’ Mejju 2005, liema danni diga’ thallsu mis-socjeta’ attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mit-8 ta’ Frar 2006 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentati mal-avviz, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata (fol 7 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok huwa l-kaz li ssir korrezzjoni fl-avviz billi bl-emendi li gew fis-sehh fl-1 ta’ Frar 2006 (jew data ohra verjuri) il-proceduri civili fil-Qorti tal-Magistrati ghandhom jingiebu permezz ta’ rikors u mhux permezz ta’ Avviz.
2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu pruvati skond il-ligi.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet moghti fis-26 ta’ Gunju 2006 (fol 8 ibid) u li bih saret il-korrezzjoni kif hemm mitluba u risultanti mill-verbal tas-seduta tal-istess data.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensuri tas-socjeta’ rikorrenti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Brian Valenzia</u> f’isem is-socjeta rikorrenti xehed (fol 10 et seq ibid) illi s-socjeta Valhmor Borg Import-Export Ltd hi assikurata mas-socjeta rappresentata minnu u kienet ghamlet “claim” in konnessjoni ma’ merkanzija li kienet twasslet f’Malta fit-23 ta’ Mejju 2005 fuq il-bastiment M.V. Majestic u dan permezz ta’ groupage container”. L-istess

merkanzija kienet tikkonsisti f'gelati. Hu sostna li dawn il-gelati waslu, f'Malta, danneggati minhabba li ma nzammux, fl-istess "container" f'temperatura ta' –18 u minflok kien instab li din filfatt kienet ferm aktar baxxa. L-istess gelati, bhala konsegwenza ta' dan il-fatt, il-gelati nstabu mdewwbin u mhux indonei ghal konsum, u b'hekk giet distrutta.

In konnessjoni ma dan il-kaz kienet saret "survey" minn Paul Ellul (fol 17 et fil-presenza tal-istess xhud u dan fit-23 ta' Mejju 2005. Minn fol 14 sa fol 38 ibid jinsabu diversi dokumenti esebiti mix-xhud bhala rilevanti ghal dan il-kaz u dan in sostenn ta'dak li xehed fosthom l-hekk imsejjha "subrogation form" fattura in rigward l-ispejjes tas-"survey" li thallsu, l-istess "survey report" u l-"consignment note" iffirmata mill-"consignee" dwar l-istat tal-merkanzija meta din inghatat lill-konsenjatarju oltre diversi ritratti dwar l-istat tal-istess merkanzija.

Illi Christopher Pace (fol 40 et seq ibid) f'isem is-socjeta' assikurata xehed li kien presenti meta kien infetah il-"container" u ghalhekk seta' jikkonferma dak li hemm bil-miktub fuq il-"consignment form" dwar l-istat tal-istess gelati (ara fol 24 ibid).

Illi s-"surveyor" Paul Ellul (fol 43 et seq ibid) ikkonferma illi s-"survey report" in atti a fol 17 sa fol 21, kien sar minnu.

Inoltre hu kien esamina l-istess gelati fil-"cold room" tal-mahzen tas-socjeta assikurata u dan fit-23 ta' Mejju 2005. Hawnhekk hu esebixxa tlett (3) ritratti li ttiehdu minnu stess dwar l-istat tal-gelati meta gew esaminati minnu.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' intimata pproduciet lil Peter Busuttil (Fol 21 et seq ibid) li hu inkarigat minn "claims" maghmulin kontra s-socjeta konvenuta. Wara li sema' illi l-merkanzija inkwistjoni kienet tikkonsisti fi tlett "paletts" kontenti "dezerta/frizata" u importat f'Malta, f'"groupage container" flimkien ma' merkanzija ohra ta' terzi persuni, kif indikat fl-istess xhieda, spjega illi dan il-"container" ma kienx tat-tip

"split"meta hu rikjest "… illi t-temperatura fil-"container" kollu tkun l-istess. Inoltre jigi notat illi hu stess qal illi "kellna struzzjonijiet illi "sorbet" jingarr –18, illi "Qabel din il-konsenja kien hemm konsenja ohra tal-istess prodott" u "Filfatt kien gara l-istess kaz u hemm kawza fuq din l-istess konsenja ukoll". Inoltre hu rilevanti hafna dak li qal, testwalment, l-istess xhud cjoe "Falcotrans nghid illi m'ghandhiex esperjenza ta' "sorbet". Difatti "… wara t-tieni konsenja, ttiehdu prekawzjonijiet ulterjuri fis-sens illi prodott bhal dak in esami ma ghandux jingieb fi "groupage" izda f''container' ghalih.". Dwar dan hu sahaq illi s-socjeta assikurata kienet taf illi l-merkanija, f'dan il-kaz u dak precedenti "… kienet ser titghabba bhala 'groupage' ".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi minn dak li xehed l-ahhar xhud jidher evidenti illi l-merkanzija in esami giet imhassra u ma baqghetx aktar idonea ghall-konsum minhabba <u>imperizja fit-trasport</u> tal-istess prodott tenut kont illi s-socjeta konvenuta ma kellhiex "esperjenza" fil-garr tieghu u ".. .kelllna struzzjonijiet illi "sorbet" jingarr –18". Ghalhekk, is-socjeta' intimata bhala "freight forwarders" inkarigata mis-socjeta' assikurata ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni kif mitluba fir-rikors in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-ewwel ecezzjoni, isir referenza ghad-digriet korrettorju a fol 8 tal-atti waqt li in rigward it-tieni eccezzjoni, kif di gja gie premess, is-socjeta' intimata ghandha tigi ritenuta responsabbli, kemm a bazi tal-fatti risultanti kemm legalment, ghad-danni konsegwenzjali. Dwar il-"<u>quantum</u>" mitlub, tenut kont illi ma saret ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub inkluz l-ispejjes tas-"survey" li sar f'dan il-kaz, ghandu jigi accettat bhala pruvat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lil dik attrici, fil-kwalitajiet taghha premessi, is-

somma ta’ Lm1580.28 ossija €3681.06 bl-imghax legali mit-8 ta’ Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-22 ta’ Mejju 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------